MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 949/2010

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera SAMSUNG ELECTRONICS CO. LTD., ta' 416, Maetan-Dong, Yeongtong-gu, Suwon-Si, Gyeonggi-do, Repubblika tal-Korea.**

**vs.**

**Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Alison Wadge li b'digriet tat-28 ta' Dicembru 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil FIRST WAY (ASIA) LIMITED, entita' estera b'indirizz mhux maghruf fid-data tal-prezentazzjoni ta' dan l-att gudizzjarju;**

**u**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Peter Paul Zammit li b'digriet tat-28 ta' Dicembru 2010 gew**

**nominati bhala**
**kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil SARL.DAK IMP-EXP, entita` estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "COPERATIF 20 AOUT LOT No, 181 OUELED MOUSSA, BOUMERDES", fl-Algerija.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera **SAMSUNG ELECTRONICS CO. LTD.**, ta' 416, Maetan-dong, Yeongtong-gu, Suwon-si, Gyeonggi-do, Repubblika tal-Korea datat 22 ta' Settembru 2010 fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta' attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti elettronici u ta' *information technology* fosthom apparat dwar prodotti tat-telefonija, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess.

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha.

Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrat bhala *Trademark* Komunitarji (CTM) it-*trademark* "SAMSUNG" (kelma, numru 001877901), u kif ukoll SAMSUNG (figurattiva, numru 000506881), u dan *inter alia* dwar apparat ghal prodotti tat-telefonija.

Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-***Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against***

***goods found to have infringed such rights* u tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** [**Kapitolu erbgha mija u erbatax (414) tal-Ligijiet ta’ Malta)** *inter alia* biex b’hekk, b’applikazzjoni tal-**artikolu ghaxra (10) tal-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003***, tgawdi mill-protezzjoni moghtija *inter alia* fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a), erbgha (4) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414**.

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-artikolu erbgha (4) tal-Kap. 414** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*container* HCIU 8023684 kontenenti oggetti konsistenti f’*mobile phone chargers* u materjal ta’ ippakkettjar relattiv, kif ukoll *mobile phone covers*, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* “SAMSUNG”, liema oggetti waslu fil-port hieles ta’ Marsaxlokk (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta’ trasbord (*transhipment*), in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importatrici ndikata fuq il-polza ta’ karigu relattiva bhala *TO ORDER OF ISSUE THE BANK*, filwaqt li bhala *shipper* / parti li qed tibghat hemm indikata FIRST WAY (ASIA) LIMITED (b’indirizz mhux maghruf fid-data tal-prezentazzjoni ta’ dan l-att gudizzjarju), u bhala *NOTIFY PARTY* / parti tan-notifika hemm indikata SARL.DAK IMP-EXP (b’indikazzjoni ta’ indirizz ta’ “COPERATIF 20 AOUT LOT No, 181 OUELED MOUSSA, BOUMERDES, ALGERIE”). Il-Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta’ attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali.

Illi s-socjeta’ attrici giet mgharrfa bis-sejba fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Awwissu elfejn u ghaxra (2010) u, wara li ezaminat ritratti elettronici tal-oggetti in kwistjoni, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddilha kopja ta’ dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat *draft bill of lading* fejn, fil-partijiet relattivi ghal

*consignee* / importatrici, *shipper* / parti li qed tibghat kif ukoll *notify party* / parti tan-notifika, hemm l-indikazzjonijiet msemmija fil-paragrafu numru hamsa (5) ta' dan ir-rikors guramentat.

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza l-Kontrollour tad-Dwana ndika bhala b'kollox erbatax-il elf disa' mija u hamsin (14,950) bicca, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li oggetti falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll, *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru erbgha (4) ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli sittax (16) u sbatax (17) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003*, tal-Artiklu disgha (9) subartikolu wiehed ("1.") paragrafi "a" u "b" tal-*Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community trade mark*, u tar-regolament numru disgha (9) tal-Avviz Legali mitejn u tlieta u tletin (233) tal-elfejn u tlieta (2003)**.

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru elfejn u ghaxra (2010) (inkluz), sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ili ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjetajiet ntimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi *mobile phone chargers* u materjal ta' ippakkettjar relattiv, kif ukoll *mobile phone covers*, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "SAMSUNG" u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* HCIU 8023684 kien jikkontjeni l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li oggetti falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ’l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez tal-konvenuti.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok “A” sa Dok “I” kif jidhru minn fol. 6 sa fol. 43 tal-process.

Rat iz-zewg digrieti datati 28 ta’ Dicembru 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati: Dr. Joseph Ellis u l-P.L. Alison Wadge sabiex jidhru ghall-entita` intimata FIRST WAY (ASIA) LIMITED; u Dr. Martin Fenech u l-PL Peter Paul Zammit sabiex jidhru ghall-entita intimate SARL.DAL IMP-EXP

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex jinstema’ fis-seduta tal-24 ta’ Marzu 2011, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati Dr. Joseph Ellis u l-PL Alison Wadge datata 3 ta' Marzu 2011 a fol. 88 tal-process fejn ecceppew:-

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant jirriservaw illi jdahlu eccezzjonijiet ulterjuri fl-eventwalita` illi jkun hemm il-htiega

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda esebita tal-kuraturi deputati deputati Dr. Joseph Ellis u l-P.L. Alison Wadge (fol. 88).

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech et datata 11 ta' Marzu 2011 a fol. 90 tal-process fejn ecceppew:-

(1) Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti u jirreservaw li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun il-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebita tal-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech et (fol. 91).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fl-24 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejhet il-kawza Dehret Dr. Francesca Sansone ghall-attur *nomine* li rrimettiet ruhha ghall-atti. Deher Dr. Martrin Fenech bhala kuratur li rrimetta ruhu ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-atti processwali jirrizulta li s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-markji "SAMSUNG" kif indikat fit-tielet

paragrafu tar-rikors guramentat u tali markju huwa registratat bhala *Trademark* Kommunitarju kif jirrizulta mid-dokumenti relattivi annessi mar-rikors guramentat u fl-atti ta' din il-kawza.

Illi jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*container* HCIU 8023684 kontenenti oggetti konsistenti f'*mobile phone chargers* u materjal ta' ippakkettjar relattiv, kif ukoll *mobile phone covers*, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "SAMSUNG", liema oggetti waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' trasbord (*transhipment*), in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importatrici ndikata fuq il-polza ta' karigu relattiva bhala *TO ORDER OF ISSUE THE BANK*, filwaqt li bhala *shipper* / parti li qed tibghat hemm indikata FIRST WAY (ASIA) LIMITED (b'indirizz mhux maghruf fid-data tal-prezentazzjoni ta' dan l-att gudizzjarju), u bhala *NOTIFY PARTY* / parti tan-notifika hemm indikata SARL.DAK IMP-EXP (b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "COPERATIF 20 AOUT LOT No, 181 OUELED MOUSSA, BOUMERDES, ALGERIE"). Il-Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali. Dan kollu jirrizulta mix-xhieda attrici u partikolarment minn dik tal-ufficjal tad-Dwana George Agius prezentata b'affidavit relattiv.

Illi minn ezami li sar mis-socjeta' attrici rrizulta li l-istess oggetti kienu fil-fatt kontrafatti kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni u rapport relattiv esebit mis-socjeta' atttrici u ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati, ma humiex kontestati u ghalhekk salv li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak

hawn deciz, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba**, tilqa’ t-talbiet l-ohra attrici l-ohra** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi *mobile phone chargers* u materjal ta’ ippakkettjar relattiv, kif ukoll *mobile phone covers*, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* “SAMSUNG” u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* HCIU 8023684 kien jikkontjeni l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici *stante* li oggetti falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni jiddistruggi dawn l-oggetti mertu tal-kawza odjerna, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-konvenuti.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba ghaliex ma hemmx bzonn taghha.

4. Tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet/socjetajiet konvenuti b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------